# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Rikors Nru: 844/2022**
**Nru fuq il-Lista: 3**

**Helen Mercieca, Mary Xuereb u Anne Xuereb**

**vs**

**Allan David Palmier u Moira Palmier**

**Illum 11 ta' Ottubru 2024;**

**Il-Bord,**

Reġa' ra r-rikors tal-15 ta' Mejju 2024[1] fejn Moira Palmier talbet li dan il-Bord jordna l-isfilz ta' xi paragrafi mill-affidavit ta' Anne Xuereb[2] u korrispondenza hemm annessa.

[1] A fol 43 tal-proċess.
[2] Dan jibda a fol 66 tal-proċess.

Reġa' ra d-digriet tiegħu mogħti fis-seduta tat-18 ta' Ġunju 2024[3] fejn r-rikorrenti ngħataw żmien għar-risposta fuq it-talbiet magħmula. Dakinhar il-kawża tħalliet għal digriet fuq l-imsemmi rikors għal-lum.

Ra r-risposta tar-rikorrenti għall-istess rikors, mressqa fit-3 ta' Lulju 2024[4] fejn għar-raġunijiet hemm imfissra opponew għat-talbiet.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidra**

Illi dan tal-lum huwa provvediment dwar talba magħmula minn Moira Palmier għall-isfilz ta' xi partijiet mill-affidavit ta' Anne Xuereb kif ukoll għall-isfilz tad-dokumenti imressqa minnha. Skond Moira Palmier, dan għandu jsir għaliex dawn is-siltiet u l-korrispondenza mehmuża seħħet bħala trattattivi mingħajr preġudizzju. Għalhekk, skond hi, dawn huma kollha inammissibbli.

Illi min-naħa tagħhom, r-rikorrenti jgħidu li dak hemm mistqarr m'huwiex konċernanti trattattivi sabiex tiġi transatta xi kawża iżda kienet komunikazzjoni li tirrigwarda s-sentenza passata li kienet għaddiet in ġudikat. Ma jkunx għal kollox futili li tingħata retroxena ta' dak li wassal s'hawnhekk.

Illi r-rikorrenti kienu diġà pproċedew quddiem dan il-Bord kontra l-intimati fejn talbu, għar-raġunijiet hemm indikati (li għalissa m'humiex t'interess sa fejn jikkonċerna l-provvediment tal-lum), l-iżgumbrament tal-intimati mill-fond ossia garaxx, enumerat mija u tlettax (113), Stuart Street Gżira. Dawn iġibu n-numru

[3] Verbal relattiv jinsab a fol 76 tal-proċess.
[4] A fol 98 *et seq* tal-proċess.

15/2019. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-28 ta' April 2022[5] dan il-Bord kif hemm preseduta laqa' t-talbiet konċernanti l-iżgumbrament tal-intimati mill-fond (u ċaħad xi talbiet konċernanti danni għall-okkupazzjoni illegali tagħhom) u ordna li dan l-iżgumbrament iseħħ fi żmien tletin jum mid-data ta' din is-sentenza.

Illi fis-26 ta' Ottubru 2022, r-rikorrent bdew dawn il-proċeduri fejn fost affarijiet oħra qegħdin issa jitolbu danni konsistenti ħsara li huma sabu fil-fond; danni oħra f'servizzi professjonali meħtieġa ai fini ta' din il-kawża u danni oħra relatati ma telf ta' qliegħ.

Illi permezz ta' nota mressqa fl-24 ta' April 2024, r-rikorrenti ressqu l-affidavit ta' Anne Xuereb li tikkontjeni xi skambju ta' korrispondenza elettronika. Moira Palmier tgħid li xi frażijiet mill-affidavit u d-dokumenti hemm mehmuż għandhom jitqiesu bħala dokumenti privileġġjati u għalhekk għandhom jiġu sfilzati.

Illi dan il-Bord ma jaqbel xejn ma dan.

Illi bħala daħla qasira, iżda mingħajr ħtieġa t'espożizzjoni wisq twila, huwa sew aċċettat li trattattivi li jistgħu jwasslu għal xi transazzjoni ta' kwistjoni huma mħeġġa fis-sistema legali tagħna. Madanakollu, dawk in-negozjati ma jistgħux

[5] Kopja ta' din is-sentenza tinsab annessa mar-rikors promotur bħala Dok A u tibda a fol 4 tal-proċess.

jintużaw bħala prova[6] biex issawwat il-parti l-oħra[7]. Il-kwistjoni hija intrinsikament konnessa wkoll mal-Kodiċi tal-Etika u Mġieba tal-Avukati, fejn insibu hekk:

*Regola 12*
*L-avukati li jkunu qeghdin jittrattaw barra mill-Qorti jew tribunal, biex jittransigu xi kawza mibdija jew li tista' tinbeda, ma jistghux jaghmlu uzu fil-Qorti minn dak kollu li jkun ghadda bejn il-partijiet, hlief bil-ftehim mal-parti l-ohra, u l-kontenut tat-trattattivi ma ghandux jigi mgharraf lill-Qorti jew tribunal hlief bi ftehim*[8]*.*

Illi huwa primarjament l-obbligu tal-avukat li joqgħod ma din ir-regola[9], għad li ġie maqbul ukoll li din l-eżenzjoni tgħodd ukoll għall-partijiet relattivi. Kif tajjeb poġġietha il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili: *"Illi, bħala regola, m'għandhiex titqies*

---

[6] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Albert Mizzi *noe et* vs John Mousu *pro et noe,*** (App Ċiv Nru: 16/2004) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-16 ta' April 2004 fejn ingħad hekk: "Issa *huwa ben stabbilit li trattativi mizmuma pendente lite intizi biex tinstab soluzzjoni ghall-kwistjoni ta' bejn il-kontendenti, jinzammu dejjem bla pregudizzju u l-kontenut ta' dawk ittrattativi, sakemm ma jkunux wassal ghas-soluzzjoni tal-vertenza, ma jista' qatt jigi uzat minn wahda mill-partijiet minghajr il-kunsens tal-kontro parti, u mhux ammissibbli bhlala prova".*

[7] Fost oħrajn, issir referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Joseph Grech *et vs* John Amato *et,*** (Ċit Nru:781/00) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Jannar 2001 fejn ġie raġunat u deċiż hekk: *"Il-Qorti tinnota li l-korrispondenza li giet esebita kienet qeghda ssir "minghajr pregudizzju" u dan dejjem kien jinftehem li ma jservix biex b'xi mod, waqt proceduri li 'l quddiem jistghu jsiru, dak li jinghad fihom jintuza biex isawwat lil xi wahda mill-partijiet; Kemm hu hekk, ghalkemm minn dik il-korrispondenza jidher li l-konvenuti kienu accettaw responsabilta', il-Qorti m'hijiex sejra tqis dik l-istqarrija bhala prova".*

[8] Kodiċi maħruġ mill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. Dan instab fuq is-sit: https://www.avukati.org/download/kodici-tal-etika/ (aċċessat nhar id-9 ta' Ottubru 2024).

[9] Jitqies ormai klassiku d-digriet mogħti fil-verbal fil-proċeduri fl-ismijiet **Mary Zammit *et* vs Rosemary Gonzi *et*** ,(Ċit Nru: Rik Nru: 1055/2002) mogħti fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2004 fejn ingħad hekk: *"Il-Qorti tirrileva illi l-Kodici tal-Etika fir-Regolament Nurmu 12 torbot lill-Avukat biex ma jaghmilx uzu fil-qorti minn trattativi li jkunu saru bl-intendiment li l-vertenza tigi transatta u mhux tezenta l-Avukat li jixhed sakemm l-Avukat ma jhossx li l-materja tinkludi s-sigriet professjonali. Barra minn hekk filwaqt li l-Qorti thoss li l-Avukati ghandhom jottemperaw dejjem ruhhom mal-kodici tal-etika landament tal-kawzi, huwa regolat principalment il-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta".*

*prova jew dokument ta' dak li l-partijiet ikunu kitbu, semmew, għamlu jew iddiskutew "mingħajr preġudizzju" qabel jew waqt li kawża tkun miexja. Dan jingħad għaliex dokument jew prova bħal dik titqies privileġġjata u riżervata, b'mod li dak il-privileġġ huwa wieħed konġunt bejn dawk kollha li dik il-prova jew dak id-dokument kien jirreferi għalihom, jorbothom kollha, u jinħall biss jekk kemm-il darba tintwera r-rieda tal-partijiet kollha involuti. Din ir-regola hija waħda msejsa fuq l-ordni pubbliku u maħsuba li tħajjar lil min daħal fi kwestjoni ma' ħaddieħor biex ilkoll jipprovaw jaslu biex isibu tarfha barra l-Qorti u bla ma jiftħu kawża jew itawluha. L-imsemmija regola, li m'hijiex waħda inflessibbli u għandha l-eċċezzjonijiet tagħha fejn jixraq (iżda li ma joqogħdux għall-każ tal-lum), tgħodd għall-kontenut tad-dokument li jkun, u ma żżommx milli dak id-dokument jitressaq bħala prova tad-data meta jkun sar jew tal-fatt li jkun tassew inkiteb, jew jekk dak li jkun inkiteb fih ma jkollux x'jaqsam mal-kwestjoni li tkun quddiem il-Qorti*[10]*;*

Illi huwa minnu wkoll li l-utilizzar tal-kliem "Mingħajr Preġudizzju" ma kienx dejjem wieħed linjari, tant li l-Kamra tal-Avukati ħarġet Karta propju fuq hekk, u dan id-dokument[11] ġie diversi drabi utilizzat bħala gwida mill-Qrati wkoll f'ċirkostanzi bħal dawn[12].

---

[10] Bran meħud mis-sentenza fl-ismijiet **<u>Chef Choice Ltd vs Raymond Galea *et,*</u>** (Ċit Nru: 2590/1999/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-26 ta' Settembru 2013 (konfermata fl-appell permezz ta' sentenza datata 27 ta' Ottubru 2017).

[11] Dokument huwa intitolat **L-UŻU TAT-TERMINU "MINGĦAJR PREĠUDIZZJU,** <u>maħruġ mill-Kamra tal-Avukati f'Jannar tas-sena 2010. Dan huwa disponibbli fuq is-sit: http://avukati.staging.wpx.rightbrain.cloud/wp-content/uploads/2018/02/Guidleines-on-the-use-of-the-term-Without-Prejudice-1.pdf</u> (aċċessat l-aħħar fl-10 ta' Ottubru 2024).

[12] Eżemplari fost oħrajn huwa ta' deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **<u>L-Avukat Dr. Henri Mizzi *noe* vs Telestarr Limited,</u>** (Ċit Nru: 451/2007) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-20 ta' April 2012.

Illi tajjeb jingħad ukoll, li skond l-artikolu 1178(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[13] it-transazzjoni huwa kuntratt li bih titmewwet kawża għaddejja jew jevita li ssir xi kawża futura.

Illi għalhekk sa fejn r-rikorrenti jgħidu li korrispondenza simili m'għandhiex tkun aċċettata meta jkunu qegħdin jittrattaw proċeduri pendenti **biss[14]**, dan huwa teknikament mhux għal kollox korrett. Jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn, diskussjonijiet ta' dan it-tip isiru bl-isperanza li jiġu evitati xi proċeduri futuri. Hemmhekk, il-projbizzjoni tat-tressieq ta' dawk id-dokumenti tgħodd ukoll.

Illi lura għal każ tagħna però, ma jirriżultax li dan huwa l-każ.

Illi l-kawża pendenti hija dwar in-natura u l-ammont ta' danni relatati mal-kirja. Il-fatt li kellhom jintraddu lura ċ-ċwievet allura huwa totalment estranju għal dan il-każ (possibbilment hija utli biss ai fini t'aċċertament ta' xi data). Wara kollox, l-intimati, li ssokkombew għal dik id-deċiżjoni, kienu **obbligati** li jiżgumbraw mill-fond fit-terminu hemm mogħti. Ma kien hemm l-ebda ħtieġa ta' negozjati sabiex dan iseħħ, għaliex ir-ritorn taċ-ċwievet ma kellux iseħħ b'xi konvenjenza tagħhom[15]. Fil-veritá, f'dan il-każ, il-kliem "Without Prejudice" ma kellhomx għalfejn jintużaw.

---

[13] Dan jgħid hekk: *It-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi ħaġa li jagħtu, iwiegħdu, jew iżommu, jagħtu tmiem għal kawża mibdija, jew jevitaw kawża li tkun sejra ssir.*

[14] Ara premessa erbgħa (4) u ħamsa (5) tar-risposta tar-rikorrenti mressqa fit-3 ta' Lulju 2024 u tinsab a foll 98 u 99 tal-proċess.

[15] Utli hawn issir referenza għad-digriet fl-ismijiet **Aspider Soluitions Malta Limited vs Redtouch Fone Limited,** (Rik Nru: 279/2019/1) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-2 ta' Marzu 2020 fejn ingħad hekk: *"B'dan ifisser għalhekk li l-kliem "mingħajr preġudizzju" mhux dejjem huma ta' impediment leġittimu għall-produzzjoni tad-dokument hekk immarkat.* ***Jekk l-ittra mmarkata "bla preġudizzju" ma tikkontjeniex offerta għal transazzjoni iżda tifforma parti mill-mekkaniżmu miftiehem fil-kuntratt, allura dawk id-dokumenti huma ammissibli." (enfasi tal-Bord).***

Illi l-istorja possibbilment kienet tkun differenti li kieku r-rikorrenti kienu, b'reazzjoni għall-korrispondenza tal-intimati, pproponew ukoll, apparti l-fatt li l-aċċettazzjoni taċ-ċwievet ma kellhiex titqies bħala kwittanza, somma sabiex tagħmel tajjeb għad-danni li jgħidu li ġarrbu. Hemmhekk iva, kien potenzjalment ikun hemm aktar ħsieb dawk l-utilizzar ta' dan l-iskambju għaliex wieħed seta' ġustament jargumenta li dik il-korrispondenza tkun saret biex tevita **din il-kawża.** Dan però m'huwiex il-każ.

Illi mbagħad, għad irid jiġi deċiż jekk wara kollox il-kontenut tal-ittri (u tal-frażijiet indikati minn Moira Palmier tal-affidavit ta' Anne Xuereb) humiex **rilevanti** għal din il-kawża. Dik però hija kwistjoni oħra għaliex l-ammissibilita' u rilevanza ta' prova mhux neċessarjament għandhom jitqiesu l-istess.

Illi għalhekk il-Bord iqis li t-talbiet hekk kif konfezzjonati fir-rikors datat 15 ta' Mejju 2024 m'għandhomx mis-sewwa.

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jiddeċiedi dwar ir-rikors tal-15 ta' Mejju 2024 billi jiċħad t-talbiet hemm imressqa.

L-ispejjeż ta' dan l-episodju huma riżervati għas-sentenza aħħarija.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistrat